

Brussell, 16 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10349/22

EF 172
ECOFIN 630
DELECT 94

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 3801 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 14.6.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju skont l-approċċ ta' mudell intern (IMA) u li jispeċifikaw il-frekwenza ta' dik il-valutazzjoni skont l-Artikolu 325be(3) ta' dak ir-Regolament

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 3801 final.

Mehmuż: C(2022) 3801 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.6.2022
C(2022) 3801 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.6.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju skont l-approċċ ta' mudell intern (IMA) u li jispeċifikaw il-frekwenza ta' dik il-valutazzjoni skont l-Artikolu 325be(3) ta' dak ir-Regolament

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 325be(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (“ir-Regolament”) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara l-preżentazzjoni tal-abbozz ta’ standards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) f’konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) 1093/2010, rispettivament, atti delegati li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta’ riskju f’konformità mal-Artikolu 325be(1) tar-Regolament u li jispeċifikaw il-frekwenza ta’ dik il-valutazzjoni.

F’konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 1093/2010 li jstabilixxi l-EBA, fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-abbozz ta’ standards tekniċi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista’ wkoll tapprova l-abbozz tal-istandards parzjalment biss, jew b’emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jesigū hekk, filwaqt li titqies il-proċedura speċifika stipulata f’dawk l-Artikoli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F’konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-ABE għamlet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni. Fis-27 ta’ Ġunju 2019 ġie ppubblikat dokument ta’ konsultazzjoni fis-sit elettroniku tal-ABE u l-konsultazzjoni pubblika għalqet fl-4 ta’ Ottubru 2019. Barra minn hekk, l-EBA stiednet lill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati tal-EBA stabbilit f’konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex jagħti parir dwarhom. Flimkien mal-abbozz tal-istandards tekniċi, l-EBA ppreżentat spjegazzjoni dwar kif l-eżitu ta’ dawn il-konsultazzjonijiet tqies fl-iżvilupp tal-istandards tekniċi abbozzati finali ppreżentati lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-abbozz tal-istandards tekniċi, u f’konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-ABE ppreżentat il-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha, inkluża l-analiżi tagħha tal-kostijiet u l-benefiċċji, b’rabta mal-abbozz tal-istandards tekniċi sottomessi lill-Kummissjoni. Din l-analiżi hija disponibbli fuq <https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/market-risk/draft-technical-standards-on-the-ima-under-the-rtb> il-paġni 26-34 tal-Abbozz Finali ta’ Standards Tekniċi Regulatorji.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-abbozz finali ta’ standards tekniċi jispeċifika l-kriterji biex tiġi vvalutata l-mudellabbiltà tal-fatturi ta’ riskju f’konformità mal-Artikolu 325be(1) tar-Regolament u jispeċifika l-frekwenza ta’ dik il-valutazzjoni.

L-abbozz finali ta’ standards tekniċi jstabilixxi żewġ kriterji differenti li l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw biex jivvalutaw il-mudellabbiltà tal-fattur ta’ riskju: a) identifikazzjoni b’minimu ta’ 24 prezz verifikabbli li jkunu rappreżentattivi għall-fattur ta’ riskju matul it-12-il xahar preċedenti, mingħajr l-ebda perjodu ta’ 90 jum jew iktar b’inqas minn erba’ prezzijiet verifikabbli li jkunu rappreżentattivi għall-fattur tar-riskju; jew b) identifikazzjoni b’minimu ta’ 100 prezz verifikabbli li jkunu rappreżentattivi għall-fattur ta’ riskju matul it-12-il xahar preċedenti.

Barra minn hekk, l-abbozz finali ta’ standards tekniċi jispeċifika kemm ir-rekwiżiti li prezz jenħtieġ li jissodisfa biex jitqies verifikabbli, kif ukoll ir-rekwiżiti li taħthom, prezzijiet verifikabbli jitqiesu rappreżentattivi għall-fatturi ta’ riskju, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-mudellabbiltà.

L-abbozz finali ta' standards tekniċi jinkludi wkoll l-ispeċifikazzjoni tal-kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju li jappartjenu għal tipoloġiji speċifiċi. L-abbozz finali ta' standards tekniċi jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għal fatturi ta' riskju li jappartjenu għal kurvi, uċuħ, kubi u għal funzjonijiet parametriċi. F'dawn il-każijiet kollha, il-kriterji jingranaw fuq approċċi xierqa ta' bucketing stabbiliti fl-abbozz finali ta' standards tekniċi għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-mudellabbiltà.

Fl-aħħar nett, l-abbozz finali ta' standards tekniċi jispeċifika l-frekwenza li biha l-istituzzjonijiet jenħtieġ li iwettqu l-valutazzjoni tal-mudellabbiltà.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.6.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju skont l-approċċ ta' mudell intern (IMA) u li jispeċifikaw il-frekwenza ta' dik il-valutazzjoni skont l-Artikolu 325be(3) ta' dak ir-Regolament

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-reqwiziti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 325be(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju msemmija fl-Artikolu 325be(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jenħtieġ li tiddetermina l-miżura ta' riskju xierqa li għandha tintuża mill-istituzzjonijiet biex jikkalkolaw ir-reqwiziti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' kull fattur ta' riskju inkluż, jew li jinsab fil-proċess li jiġi inkluż, fl-approċċ alternattiv tal-mudell intern tal-istituzzjonijiet stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1b, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Jenħtieġ li l-fatturi ta' riskju li jistgħu jiġu mmudellati jkunu soġġetti għall-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 325bb tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, filwaqt li l-fatturi ta' riskju li ma jistgħux jiġu mmudellati jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' kriżi, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 325bk ta' dak ir-Regolament.
- (2) Il-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni jenħtieġ li jkopri d-distribuzzjoni probablistika tal-fatturi ta' riskju fuq perjodu storiku twil biżżejjed, li fih tkun osservabbli d-data tas-suq rilevanti għal dawk il-fatturi ta' riskju. Għalhekk, fattur ta' riskju jenħtieġ li jitqies bħala mudellabbli fejn ikun hemm disponibbli għadd suffiċjenti ta' prezzijiet verifikabbli osservabbli li jkunu rappreżentattivi ta' dak il-fattur ta' riskju. Sabiex titwettag dik il-valutazzjoni, jenħtieġ li jkun xieraq perjodu ta' osservazzjoni ta' 12-il xahar li jintemm fid-data ta' referenza ta' rapportar preċedenti. Madankollu, biex jitqies dewmien possibbli fid-disponibbiltà tad-data, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jitħallew jissostitwixxu dak il-perjodu ta' osservazzjoni ta' 12-il xahar b'perjodu ta' 12-il xahar spostat. Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-prattiki madwar l-Unjoni, tali bidla jenħtieġ li tkun limitata għal xahar. Għall-istess raġuni, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li japplikaw tali perjodi ttrasferiti b'mod konsistenti fil-fatturi ta' riskju kollha tal-istess tip, u jipprovd u lill-awtorità kompetenti tagħhom b'dokumentazzjoni dettaljata fir-rigward tal-applikazzjoni ta' tali perjodi ttrasferiti.

¹ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

- (3) Huwa mistenni li l-istituzzjonijiet jista' ma jkollhomx l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju mill-attività ta' negozjar tagħhom stess. Għalhekk, meta jiġi vvalutat jekk il-fatturi ta' riskju jkunux mudellabbli, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jitħallew jużaw ukoll informazzjoni dwar il-prezzijiet miksuba minn bejjiġġa terzi, dment li daww il-prezzijiet ikunu verifikabbli u li daww il-bejjiġġa terzi jkunu soġġetti għal awditu indipendenti rigward il-validità tal-informazzjoni tagħhom dwar il-prezzijiet.
- (4) Pass ewlieni fil-valutazzjoni ta' jekk il-fatturi ta' riskju jkunux mudellabbli huwa l-valutazzjoni tar-rappreżentattività tal-prezzijiet verifikabbli identifikati għal daww il-fatturi ta' riskju. Prezz verifikabbli jenħtieġ li jitqies rappreżentattiv ta' fattur ta' riskju ta' istituzzjoni fejn l-istituzzjoni tkun tista' tieħu l-valur tal-fattur ta' riskju mill-valur tal-prezz verifikabbli bl-użu ta' metodoloġiji kwantitattivi użati b'mod komuni. Għadd ta' daww il-metodoloġiji jeħtieġu data addizzjonali tal-input sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jieħdu l-valur ta' fattur ta' riskju, li jagħmilha aktar kumplessa biex juru r-rappreżentattività tal-prezzijiet verifikabbli. Għalhekk, daww il-metodoloġiji, kif ukoll id-data addizzjonali tal-input, fejn meħtieġ, jenħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni oġġettiva u ddokumentata kif xieraq, u b'hekk l-istituzzjonijiet ma jitħallewx jużaw suppożizzjonijiet mhux sodi. Minħabba n-nuqqas ta' verifikabbiltà u rappreżentattività tagħhom, f'konformità ma' standards internazzjonali, ir-rikonċiljazzjonijiet jew il-valutazzjonijiet tal-kollateral jenħtieġ li ma jitqisux bħala sorsi eliġibbli ta' prezzijiet verifikabbli.
- (5) Meta l-fatturi ta' riskju jkunu punti ta' kurva, wiċċ jew kubu, kemm daww il-fatturi ta' riskju jkunu mudellabbli jenħtieġ li jiġi vvalutat skont kemm kull bucket ta' dik il-kurva, wiċċ jew kubu, ikun mudellabbli, minħabba karatteristiċi komuni ta' fatturi ta' riskju li jappartjenu għal bucket partikolari. Għalhekk, il-mudellabbiltà ta' dak il-bucket jenħtieġ li tiġi vvalutata b'referenza għall-prezzijiet verifikabbli kollha li jkunu allokatu għal dak il-bucket, filwaqt li l-prezzijiet verifikabbli rappreżentattivi ta' fattur ta' riskju partikolari f'bucket jenħtieġ li jitqiesu bħala rappreżentattivi tal-fatturi ta' riskju kollha li jappartjenu għall-istess bucket. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jitħallew jagħżlu buckets standard, jew, fejn jitqies aktar xieraq għal kurva, wiċċ jew kubu speċifiku, buckets alternattivi żviluppati minnhom stess.
- (6) Barra minn hekk, il-kriterji għall-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju jenħtieġ li jkopru każijiet fejn istituzzjoni tuża funzjoni parametrika biex tirrappreżenta kurva, wiċċ jew kubu, u tistabbilixxi l-parametri tal-funzjoni bħala l-fatturi ta' riskju fil-mudell tagħha tal-kejl tar-riskji. F'daww il-każijiet, daww il-kriterji jenħtieġ li jispeċifikaw kif jenħtieġ li titwettaq il-valutazzjoni tal-mudellabbiltà, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' daww il-funzjonijiet parametriċi u tal-parametri ta' funzjoni.
- (7) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jiġu meġħjuna jivvalutaw il-konformità ma' dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat kif ir-rekwiżit ta' dokumentazzjoni ġenerali previst fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandu jiġi applikat mill-istituzzjonijiet meta jivvalutaw jekk fattur ta' riskju jkunux mudellabbli.
- (8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.
- (9) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet il-parir tal-Grupp tal-

Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà ta' fatturi ta' riskju li ma jappartjenux għal kurva, wiċċ jew kubu

1. Il-fatturi ta' riskju tal-pożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 325be(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li ma jappartjenux għal kurva, wiċċ jew kubu għandhom jiġu vvalutati bħala mudellabbli meta jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin:
 - (a) matul perjodu ta' osservazzjoni ta' 12-il xahar li jintemm fid-data ta' referenza ta' rapportar preċedenti msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451³, jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (i) għal dak il-fattur ta' riskju, l-istituzzjoni tkun identifikat l-eżistenza ta' mill-inqas 24 prezz li jkunu verifikabbli f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, li jkollhom dati ta' osservazzjoni distinti u li jkunu kkunsidrati rappreżentattivi ta' dak il-fattur ta' riskju f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;
 - (ii) ma kienx hemm perjodu ta' 90 jum jew aktar li fih kien hemm inqas minn erbgħa mill-prezzijiet verifikabbli msemmija fil-punt (i);
 - (b) matul il-perjodu ta' osservazzjoni ta' 12-il xahar imsemmi fil-punt (a), l-istituzzjoni identifikat, għal dak il-fattur ta' riskju, l-eżistenza ta' mill-inqas 100 prezz li jkunu verifikabbli f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, li jkollhom dati ta' osservazzjoni distinti u li jkunu kkunsidrati rappreżentattivi ta' dak il-fattur ta' riskju f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.
2. Istituzzjoni tista' tissostitwixxi l-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1 b'perjodu ta' 12-il xahar li jintemm mhux qabel xahar qabel id-data ta' referenza ta' rapportar preċedenti msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 ("perjodu ttrasferit"), meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) l-istituzzjoni tapplika dak il-perjodu ttrasferit b'mod konsistenti fil-fatturi kollha ta' riskju tal-istess tip bħall-fattur ta' riskju kkonċernat;
 - (b) l-istituzzjoni tapplika dak il-perjodu ttrasferit b'mod konsistenti maż-żmien;
 - (c) l-istituzzjoni tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni ta' dak il-perjodu ttrasferit.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 (ĠU L 97, 19.3.2021, p. 1).

Artikolu 2

Prezzijiet verifikabbli

1. Prezz għandu jitqies verifikabbli meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-prezz jinkiseb minn tranżazzjoni li għaliha l-istituzzjoni kienet waħda mill-partijiet u li daħlet fiha f'kundizzjonijiet ta' distakkament;
 - (b) il-prezz jinkiseb minn tranżazzjoni li jkunu daħlu fiha partijiet terzi f'kundizzjonijiet ta' distakkament u li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 5;
 - (c) il-prezz jinkiseb minn offerta kompetittiva reali bona fide u joffri kwotazzjonijiet ipprovduti f'kundizzjonijiet ta' distakkament mill-istituzzjoni nnifisha jew minn partijiet terzi, il-valuri li bihom l-istituzzjoni jew il-partijiet terzi jkunu impenjaw ruħhom li jeżegwixxu tranżazzjoni f'konformità mad-drawwa tan-negozju u li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 5.
2. Minkejja l-paragrafu 1, prezz ma għandux jitqies bħala verifikabbli meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-prezz jinkiseb minn tranżazzjoni jew minn offerta u joffri kwotazzjonijiet bejn żewġ entitajiet tal-istess grupp;
 - (b) il-prezz jinkiseb minn tranżazzjoni jew minn offerta u joffri kwotazzjonijiet ta' volum negliġibbli meta mqabbel mal-volum tas-soltu ta' tranżazzjonijiet jew kwotazzjonijiet li jirriflettu l-kundizzjonijiet attwali tas-suq;
 - (c) il-prezz jinkiseb minn kwotazzjonijiet b'firxa bejn it-talba u l-offerta li tiddevja sostanzjalment minn firxiet bejn it-talba u l-offerta li jirriflettu l-kundizzjonijiet attwali tas-suq;
 - (d) il-prezz jinkiseb minn tranżazzjoni li tkun twettqet bl-uniku fini li jiġi identifikat għadd suffiċjenti ta' prezzijiet verifikabbli li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament;
 - (e) il-prezz jinkiseb minn kwotazzjonijiet li jkunu twettqu bl-uniku fini li jiġi identifikat għadd suffiċjenti ta' prezzijiet verifikabbli li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.
3. Id-data tal-osservazzjoni ta' prezz verifikabbli għandha tkun identika għad-data li fiha tkun ġiet eżegwita t-tranżazzjoni jew għad-data li fiha jkunu twettqu l-kwotazzjonijiet tat-talba u l-offerta. Id-dati tal-osservazzjoni tal-prezzijiet verifikabbli għandhom jiġu rreġistrati abbażi ta' żona ta' ħin unika konsistenti fis-sorsi kollha tad-data.
4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, bejjiegħ terz għandha tfisser impriża li tipprovdri data dwar tranżazzjonijiet jew kwotazzjonijiet lil istituzzjonijiet għall-finijiet tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, inklużi fornituri ta' servizzi ta' rapportar tad-data kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (36a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u s-sistemi multilaterali kif definiti fl-

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

Artikolu 4(1), tal-punt (19) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.

5. Tranżazzjoni jew kwotazzjonijiet ta' talbiet u offerti għandhom jintużaw biss għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) it-tranżazzjoni jew il-kwotazzjonijiet ikunu ġew ipproċessati permezz ta' bejjiegħ terz, jew miġbura minnu;
 - (b) il-bejjiegħ terz jew l-istituzzjoni tkun qablet li tipprovdi lill-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni, meta tintalab tagħmel dan, evidenza tat-tranżazzjoni jew tal-kwotazzjonijiet u evidenza tal-verifikabbiltà tal-prezz miksub minn dik it-tranżazzjoni jew minn dawk il-kwotazzjonijiet;
 - (c) il-bejjiegħ terz ikun ikkomunika lill-istituzzjoni d-data li fiha t-tranżazzjoni jew il-kwotazzjonijiet ikunu ġew osservati, u sett minimu ta' informazzjoni dwar it-tranżazzjoni jew il-kwotazzjonijiet li jippermettu lill-istituzzjoni tidentifika l-prezz verifikabbli għall-fatturi ta' riskju li għalihom dak il-prezz miksub minn dik it-tranżazzjoni jew dawk il-kwotazzjonijiet ikun rappreżentattiv f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;
 - (d) l-istituzzjoni tkun ivverifikat li l-bejjiegħ terz ikun soġġett, mill-inqas darba fis-sena, għal awditu indipendenti minn impriża terza, skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 325bi(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, rigward il-validità tal-informazzjoni, il-governanza u l-proċessi tal-prezzijiet tiegħu, u jkollu aċċess għar-risultati u għar-rapporti tal-awditjar, sabiex ikun jista' jikkomunika lill-awtorità kompetenti tiegħu, meta jkunu mitluba, dawk ir-risultati u r-rapporti.
6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, il-punt (d), l-awditu indipendenti għandu jivvaluta dawn kollha li ġejjin:
 - (a) jekk il-bejjiegħ terz għandux l-informazzjoni meħtieġa biex jivverifika li l-prezz huwa verifikabbli u biex jimmappja l-prezz verifikabbli mal-fatturi ta' riskju li għalihom dak il-prezz ikun rappreżentattiv skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;
 - (b) jekk il-bejjiegħ terz ikunx jista' juri l-integrità tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a);
 - (c) jekk il-bejjiegħ terz ikollux fis-seħħ proċessi interni u għadd suffiċjenti ta' persunal b'livell ta' ħiliet xierqa għall-ġestjoni tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a);
 - (d) jekk, meta bejjiegħ terz ma jipprovdux lill-istituzzjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex tivverifika l-verifikabbiltà tal-prezz, il-bejjiegħ terz ikunx kuntrattwalment obligat li jkun ikkontrolla l-verifikabbiltà tal-prezz.
7. Meta bejjiegħ terz ma jipprovdux lill-istituzzjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex tivverifika l-verifikabbiltà tal-prezz, l-istituzzjoni għandha tkun tista' turi lill-awtorità kompetenti tagħha li l-bejjiegħ terz ikun kuntrattwalment obligat li jkun ikkontrolla l-verifikabbiltà tal-prezz.

⁵ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

Artikolu 3

Rappreżentattività tal-prezzijiet verifikabbli għall-fatturi ta' riskju

1. Prezz verifikabbli għandu jitqies rappreżentattiv ta' fattur ta' riskju mid-data tal-osservazzjoni tiegħu meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) ikun hemm relazzjoni mill-qrib bejn il-fattur ta' riskju u l-prezz verifikabbli;
 - (b) l-istituzzjoni tkun speċifikat metodoloġija li tkun valida fil-kunċett sabiex jiġi estratt il-valur tal-fattur ta' riskju mill-valur tal-prezz verifikabbli.Għall-finijiet tal-punt (b), kwalunkwe data tal-input jew fattur ta' riskju użat fil-metodoloġija għajr il-prezz verifikabbli għandu jkun ibbażat fuq data oġġettiva.
2. Kwalunkwe prezz verifikabbli jista' jingħadd bħala osservazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 1 għall-fatturi kollha ta' riskju li għalihom ikun rappreżentattiv f'konformità mal-paragrafu 1.
3. Meta istituzzjoni tuża fattur sistematiku tar-riskju ta' kreditu jew ta' ekwità biex tkopri movimenti fis-suq kollu għal attributi partikolari ta' aggregazzjoni ta' emittenti, inkluż il-pajjiż, ir-reġjun jew is-settur ta' dawk l-emittenti, il-prezzijiet verifikabbli tal-indiċijiet tas-suq jew l-istrumenti tal-emittenti individwali għandhom jitqiesu bħala rappreżentattivi għal dak il-fattur ta' riskju sistematiku biss meta jikkondividu l-istess attributi bħal dak il-fattur ta' riskju sistematiku.

Artikolu 4

Kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà ta' fatturi ta' riskju li jappartjenu għal kurva, wiċċ jew kubu

1. Il-fatturi ta' riskju għall-pożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 325be(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jappartjenu għal kurva, wiċċ jew kubu għandhom jiġu vvalutati bħala mudellabbli billi jiġu applikati l-passi li ġejjin fl-ordni li ġejja:
 - (a) għal kull kurva, wiċċ jew kubu, l-istituzzjoni tiddetermina l-buckets rilevanti tal-fatturi ta' riskju f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;
 - (b) l-istituzzjoni tiddetermina l-mudellabbiltà tal-buckets rilevanti msemmija fil-punt (a) f'konformità mal-paragrafu 2;
 - (c) l-istituzzjoni tqis bħala mudellabbli kwalunkwe fattur ta' riskju li jappartjeni għal bucket li jkun tqies bħala mudellabbli f'konformità mal-paragrafu 2.
2. Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk bucket ikunx mudellabbli għandhom ikunu waħda minn dawn li ġejjin:
 - (a) matul perjodu ta' osservazzjoni ta' 12-il xahar li jintemm fid-data ta' referenza ta' rapportar preċedenti msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451:
 - (i) għal dak il-bucket, l-istituzzjoni identifika l-eżistenza ta' mill-inqas 24 prezz li jkunu verifikabbli f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, li jkollhom dati ta' osservazzjoni distinti u li jkunu allokatati għal dak il-bucket, u
 - (ii) ma kienx hemm perjodu ta' 90 jum jew aktar li fih kien hemm inqas minn erbgħa mill-prezzijiet verifikabbli msemmija fil-punt (i);

- (b) matul il-perjodu ta' osservazzjoni ta' 12-il xahar imsemmi fil-punt (a), għal dak il-bucket, l-istituzzjoni identifikat l-eżistenza ta' mill-inqas 100 prezz li huma verifikabbli f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, li għandhom dati ta' osservazzjoni distinti u li huma allokatil lil dak il-bucket.
3. Istituzzjoni tista' tissostitwixxi l-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fil-paragrafu 2 b'perjodu ta' 12-il xahar li jintemm mhux qabel xahar qabel id-data ta' referenza ta' rapportar preċedenti msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 ("perjodu ttrasferit"), meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (a) l-istituzzjoni tapplika dak il-perjodu ttrasferit b'mod konsistenti tul il-buckets kollha ta' kurva, wiċċ jew kubu;
- (b) l-istituzzjoni tapplika dak il-perjodu ttrasferit b'mod konsistenti maż-żmien;
- (c) l-istituzzjoni tippovdi lill-awtorità kompetenti tagħha b'deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni ta' dak il-perjodu ttrasferit.
4. Prezz verifikabbli għandu jiġi allokat għal bucket fejn ikun rappreżentattiv f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għal fattur ta' riskju li jappartjeni għal dak il-bucket.
5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, istituzzjoni tista' tikkunsidra bħala fattur ta' riskju kwalunkwe punt tal-kurva, wiċċ jew kubu li jappartjeni għall-bucket, irrispettivament minn jekk tali punt ikunx fattur ta' riskju inkluż fil-mudell tagħha ta' kejl tar-riskji.

Artikolu 5

Approċċi ta' bucketing għal fatturi ta' riskju li jappartjenu għal kurvi, uċuħ jew kubi

1. Għal kull kurva, wiċċ jew kubu li għalihom jappartjeni fattur ta' riskju, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-buckets ta' dik il-kurva, wiċċ jew kubu billi jużaw jew il-buckets standard definiti minn qabel imsemmija fil-paragrafu 2, jew buckets definiti mill-istituzzjonijiet infushom, dment li daww l-istituzzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-buckets standard definiti minn qabel għandhom ikunu dawn li ġejjin:
- (a) id-disa' buckets imsemmija fir-ringiela i tat-Tabella 1 tal-paragrafu 3 għall-fatturi ta' riskju b'dimensjoni ta' maturità waħda "t", espressi fi snin, li ġew assenjati lill-kategoriji ta' fatturi ta' riskju wesgħin li ġejjin:
- (i) "rata tal-imgħax", għajr daww il-fatturi ta' riskju assenjati għas-subkategorija tal-fattur ta' riskju wiesa' "volatilità";
- (ii) "rata tal-kambju", għajr daww il-fatturi ta' riskju assenjati għas-subkategorija tal-fattur ta' riskju wiesa' "volatilità";
- (iii) "komodità", għajr daww il-fatturi ta' riskju assenjati lis-subkategoriji tal-fattur ta' riskju wiesa' "volatilità tal-enerġija", "volatilità tal-emissjonijiet tal-karbonju", "volatilità tal-metall prezzjuż u volatilità tal-metall mhux ferruż" u "volatilitajiet oħra tal-komoditajiet";
- (b) is-sitt buckets imsemmija fir-ringiela ii tat-Tabella 1 tal-paragrafu 3 għal kull dimensjoni ta' maturità "t" ta' fatturi ta' riskju, b'aktar minn dimensjoni ta' maturità waħda, espressi fi snin, li ġew assenjati lill-kategoriji ta' fatturi ta' riskju wesgħin li ġejjin:

- (i) “rata tal-imgħax”, għajr għall-fatturi ta’ riskju assenjati għas-subkategorija tal-fattur ta’ riskju wiesa’ “volatilità”;
 - (ii) “rata tal-kambju”, għajr għall-fatturi ta’ riskju assenjati għas-subkategorija tal-fattur ta’ riskju wiesa’ “volatilità”;
 - (iii) “komodità”, għajr dawk il-fatturi ta’ riskju assenjati lis-subkategoriji tal-fattur ta’ riskju wiesa’ “volatilità tal-enerġija”, “volatilità tal-emissjonijiet tal-karbonju”, “volatilità tal-metall prezzjuż u volatilità tal-metall mhux ferruż” u “volatilitajiet oħra tal-komoditajiet”;
- (c) il-ħames buckets imsemmija fir-ringiela iii tat-Tabella 1 tal-paragrafu 3 għal kull dimensjoni ta’ maturità “t” għal fatturi ta’ riskju b’dimensjoni ta’ maturità waħda jew aktar, espressi fi snin, li ġew assenjati lill-kategoriji ta’ fatturi ta’ riskju wesgħin li ġejjin:
- (i) “firxa tal-kreditu”, għajr dawk il-fatturi ta’ riskju assenjati għas-subkategorija tal-fattur ta’ riskju wiesa’ “volatilità”;
 - (ii) “ekwità”, għajr dawk il-fatturi ta’ riskju assenjati lis-subkategoriji tal-fattur ta’ riskju wiesa’ “volatilità (kapitalizzazzjoni kbira)” u “volatilità (kapitalizzazzjoni żgħira tas-suq)”;
- (d) il-ħames buckets imsemmija fir-ringiela iv tat-Tabella 1 tal-paragrafu 3 għal kwalunkwe fattur ta’ riskju b’dimensjoni waħda jew b’diversi dimensjonijiet ta’ karattru monetarju, kif espressi bl-użu tad-delta tal-opzjoni (“δ”);
- (e) il-ħames buckets imsemmija fir-ringiela iii tat-Tabella 1 tal-paragrafu 3 u l-ħames buckets imsemmija fir-ringiela iv tat-Tabella 1 tal-paragrafu 3 għall-fatturi ta’ riskju li ġew assenjati għall-kategoriji tal-fatturi ta’ riskju wiesa’ li ġejjin:
- (i) “rata tal-kambju”, għal dawk il-fatturi ta’ riskju assenjati għas-subkategorija tal-fattur ta’ riskju wiesa’ “volatilità”;
 - (ii) “firxa tal-kreditu”, għal dawk il-fatturi ta’ riskju assenjati għas-subkategorija tal-fattur ta’ riskju wiesa’ “volatilità”;
 - (iii) “ekwità”, għal dawk il-fatturi ta’ riskju assenjati lis-subkategoriji tal-fattur ta’ riskju wiesa’ “volatilità (kapitalizzazzjoni kbira)” u “volatilità (kapitalizzazzjoni żgħira tas-suq)”;
 - (iv) “komodità”, għal dawk il-fatturi ta’ riskju assenjati lis-subkategoriji tal-fattur ta’ riskju wiesa’ “volatilità tal-enerġija”, “volatilità tal-emissjonijiet tal-karbonju”, “volatilità tal-metall prezzjuż u volatilità tal-metall mhux ferruż” u “volatilitajiet oħra tal-komoditajiet”;
- (f) is-sitt buckets imsemmija fir-ringiela ii tat-Tabella 1 tal-paragrafu 3, il-ħames buckets imsemmija fir-ringiela iii tat-Tabella 1 tal-paragrafu 3 u l-ħames buckets imsemmija fir-ringiela iv tat-Tabella 1 tal-paragrafu 3 għall-fatturi ta’ riskju assenjati għall-kategorija tal-fatturi ta’ riskju wiesa’ “rata tal-imgħax” u għas-subkategorija tal-fattur ta’ riskju wiesa’ “volatilità” b’dimensjoni ta’ maturità, ta’ skadenza u ta’ flus.

Għall-finijiet tal-punt (d), għas-swieq tal-opzjoni li jużaw konvenzjonijiet oħra għajr id-delta tal-opzjoni għad-definizzjoni tal-karattru monetarju, l-istituzzjonijiet għandhom jikkonvertu l-buckets imsemmija fir-ringiela iv tat-Tabella 1 tal-paragrafu 3 għall-konvenzjonijiet prevalenti f’dawk is-swieq tal-opzjonijiet bl-użu ta’ tekniki kwantitattivi derivati mill-mudelli

tal-ipprezzar proprji tal-istituzzjoni dment li dawk il-mudelli tal-ipprezzar ikunu ġew dokumentati sew u jkunu ġew rieżaminati b' mod indipendenti.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, bucket standard jista' jiġi suddiviż f' buckets iżgħar.

Tabella 1

Nru. tal-bucket.	1	2	3	4	5	6	7	8	9
i.	$0 \leq t < 0.75$	$0.75 \leq t < 1.5$	$1.5 \leq t < 4$	$4 \leq t < 7$	$7 \leq t < 12$	$12 \leq t < 18$	$18 \leq t < 25$	$25 \leq t < 35$	$35 \leq t$
ii.	$0 \leq t < 0.75$	$0.75 \leq t < 4$	$4 \leq t < 10$	$10 \leq t < 18$	$18 \leq t < 30$	$30 \leq t$			
iii.	$0 \leq t < 1.5$	$1.5 \leq t < 3.5$	$3.5 \leq t < 7.5$	$7.5 \leq t < 15$	$15 \leq t$				
iv.	$0 \leq \delta < 0.05$	$0.05 \leq \delta < 0.3$	$0.3 \leq \delta < 0.7$	$0.7 \leq \delta < 0.95$	$0.95 \leq \delta \leq 1$				

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jistabbilixxu huma stess buckets għal kurva, wiċċ jew kubu partikolari fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) il-buckets ikopru l-kurva, il-wiċċ jew il-kubi kollha;
- (b) il-buckets ma jkunux sovrapposti;
- (c) kull bucket fih eżattament fattur ta' riskju wieħed li huwa parti mill-kalkolu tal-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll ta' wieħed mill-postijiet tan-negozjar tal-istituzzjoni biex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti tal-attribuzzjoni tal-profit u t-telf stabbiliti fl-Artikolu 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

5. Għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju tal-kategorija tal-fattur ta' riskju wiesa' "firxa ta' kreditu" li jappartjenu għal ċertu bucket ta' maturità, istituzzjoni tista' talloka mill-ġdid il-prezzijiet verifikabbli ta' bucket għall-bucket li jmiss relatat ma' maturitajiet iqsar biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) l-istituzzjoni ma jkollha l-ebda fattur ta' riskju li jappartjeni għall-bucket li jikkorrispondi għall-maturitajiet itwal u għalhekk ma tuża l-ebda wieħed minn dawn il-fatturi ta' riskju fil-mudell tagħha tal-ġestjoni tar-riskju;
- (b) kwalunkwe prezz verifikabbli jingħadd biss f' bucket ta' maturità wieħed;
- (c) kwalunkwe prezz verifikabbli jiġi riallokati darba biss.

Artikolu 6

Kriterji għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju li jirrappreżentaw parametri ta' funzjoni ta' kurva, wiċċ jew kubu parametriċi

- 1. Istituzzjonijiet li jużaw funzjoni parametrika waħda jew aktar biex jirrappreżentaw kurva, wiċċ jew kubu u jinkorporaw il-parametri ta' funzjoni bħala fatturi ta' riskju fil-mudelli interni tagħhom tal-kejl tar-riskju, għandhom jivvalutaw il-mudellabbiltà ta' dawk il-parametri ta' funzjoni billi japplikaw l-istadji li ġejjin fl-ordni li ġejja għal kull funzjoni parametrika:
 - (a) dawk l-istituzzjonijiet jidentifikaw is-sett ta' punti tal-kurva, tal-wiċċ jew tal-kubu li ntużaw biex tiġi kkalibrata l-funzjoni parametrika;

- (b) dawk l-istituzzjonijiet japplikaw l-approċċ tal-bucketing stabbilit fl-Artikolu 5(2) daqslikieku l-fatturi ta' riskju fil-mudell tal-kejl tar-riskji tagħhom kienu l-punti identifikati skont il-punt (a);
 - (c) dawk l-istituzzjonijiet jivvalutaw, f'konformità mal-Artikolu 4, il-paragrafi 2 u 3, il-mudellabbiltà tal-buckets li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-approċċ tal-bucketing stabbilit fl-Artikolu 5(2), daqslikieku l-fatturi ta' riskju fil-mudell tal-kejl tar-riskji tagħhom kienu l-punti identifikati f'konformità mal-punt (a).
2. Il-mudellabbiltà ta' parametru tal-funzjoni parametrika kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tiġi vvalutata billi jiġi identifikat is-sett ta' punti tal-kurva, tal-wiċċ jew tal-kubu li ntużaw biex jiġi kkalibrat dak il-parametru ta' funzjoni. Meta l-punti identifikati jkunu jappartjenu biss għal buckets ivvalutati bħala mudellabbli skont il-paragrafu 1, il-punt (c), il-parametru ta' funzjoni għandu jiġi vvalutat bħala mudellabbli.

Artikolu 7 **Dokumentazzjoni**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw fil-politiki interni tagħhom dawn kollha li ġejjin:
- (a) is-sett u d-deskrizzjoni tal-fatturi ta' riskju fil-mudell intern tagħhom tal-kejl tar-riskji soġġett għall-valutazzjoni tal-mudellabbiltà;
 - (b) is-sorsi ta' informazzjoni verifikabbli dwar il-prezzijiet użati biex tiġi vvalutata l-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju;
 - (c) il-kriterji biex prezz jitqies verifikabbli f'konformità mal-Artikolu 2, inkluż deskrizzjoni ta' kif l-istituzzjoni tivvaluta jekk il-volum ta' tranżazzjoni jew ta' kwotazzjoni impenjata huwiex mhux negliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 2(2), il-punt (b), u jekk il-firxa bejn it-talba u l-offerta tkunx raġonevoli kif imsemmi fl-Artikolu 2(2), il-punt (c);
 - (d) il-proċess ta' mmappjar u l-kriterji użati biex tiġi ddeterminata r-rappreżentattività tal-prezzijiet verifikabbli għall-fatturi ta' riskju kif imsemmi fl-Artikolu 3, inkluż deskrizzjoni tal-metodoloġija speċifikata għall-estrazzjoni tal-valur tal-fattur ta' riskju mill-prezzijiet verifikabbli u kwalunkwe input addizzjonali li l-metodoloġija potenzjalment teħtieġ;
 - (e) il-valutazzjoni tal-mudellabbiltà għall-kurvi, l-uċuħ jew il-kubi parametriċi kif imsemmi fl-Artikolu 6;
 - (f) l-użu tal-approċċi tal-bucketing msemmija fl-Artikolu 5, li jispeċifikaw ukoll jekk u kif l-istituzzjoni tapplika l-Artikolu 5(5);
 - (g) l-użu tal-perjodu ttrasferit ta' 12-il xahar f'konformità mal-Artikolu 1(2) jew mal-Artikolu 4(3).
2. Għal kull fattur ta' riskju, l-istituzzjonijiet għandhom iżommu rekord ta' mill-inqas sena tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-mudellabbiltà tagħhom, inkluż id-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Għall-fatturi ta' riskju li għalihom ma jkunx għadu disponibbli rekord ta' sena ta' riżultati, l-istituzzjonijiet għandhom iżommu r-rekord massimu disponibbli tar-riżultati.

Artikolu 8
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14.6.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN